— Fit-tielet lok, il-Qorti Ġenerali tikser l-Artikolu 119 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha u l-Artikolu 36 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja billi ma tipprovdi l-ebda motivazzjoni għall-konklużjoni tagħha li: i) il-prova prodotta minn Apple għall-evalwazzjoni tal-impatt li l-għajnuna jista' jkollha fuq il-pożizzjoni kompetittiva fis-suq tal-provvista ta' servizzi ta' divertiment tal-home video fil-Ġermanja ma hijiex suffiċjenti; u ii) l-eżistenza ta' interess individwali għandha tiġi stabbilita b'riferiment għall-mument li fih il-miżura kkontestata tkun ikkonċepita, adottata u implementata fil-livell nazzjonali.

— Fir-raba' lok, il-Qorti Ġenerali kisret id-drittijiet tad-difiża ta' Apple billi bbażat ruħha fuq osservazzjonijiet tal-Kummissjoni li ġew ippreżentati b'risposta għall-mistoqsijiet tal-Qorti Ġenerali, li dwarhom Apple ma kellhiex il-possibilità li tikkummenta.

[1] Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2042 tal-1 ta' Settembru 2016 dwar l-iskema ta' għajnuna SA.38418 — 2014/C (ex 2014/N) li l-Ġermanja qed tippjana li timplimenta għall-finanzjament tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-films (ĠU 2016, L 314, p. 63).

## Rikors ippreżentat fil-11 ta' Ottubru 2018 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

**(Kawża C-635/18)**

(2018/C 436/45)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Hermes u A. C. Becker, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tikkonstata li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 13(1) flimkien mal-Anness XI tad-Direttiva 2008/50/EG [1] billi, mill-2010, sistematikament u kontinwament eċċediet il-valur limitu annwali għad-dijossidu tan-nitroġenu ($NO_2$) f'26 żona għal valutazzjoni u ġestjoni tal-kwalità tal-arja (DEZBXX0001A l-agglomerazzjoni ta' Berlin, DEZCXX0007A l-agglomerazzjoni ta' Stuttgart, DEZCXX0043S id-distrett ta' Tübingen, DEZCXX0063S id-distrett ta' Stuttgart, DEZCXX0004A l-agglomerazzjoni ta' Freiburg, DEZCXX0041S id-distrett ta' Karlsruhe [agglomerazzjoni mhux inkluża], DEZCXX0006A l-agglomerazzjoni ta' Mannheim/Heidelberg, DEZDX-X0001A l-agglomerazzjoni ta' München, DEZDXX0003A l-agglomerazzjoni ta' Nürnberg/Fürth/Erlangen, DEZFXX0005S Żona III Mittelhessen u Nordhessen, DEZFXX0001A Agglomerazzjoni I [Rhein-Main], DEZFXX0002A Agglomerazzjoni II [Kassel], DEZGLX0001A l-agglomerazzjoni ta' Hamburg, DEZJXX0015A Grevenbroich [iż-żona tal-minjieri tal-linjite tar-Rhein], DEZJXX0004A Köln, DEZJXX0009A Düsseldorf, DEZJXX0006A Essen, DEZJX-X0017A Duisburg, Oberhausen, Mülheim, DEZJXX0005A Hagen, DEZJXX0008A Dortmund, DEZJXX0002A Wuppertal, DEZJXX0011A Aachen, DEZJXX0016S iż-żoni urbani u iż-żoni rurali fin-Nordrhein-Westfalen, DEZKXX0006S Mainz, DEZKXX0007S Worms/Frankenthal/Ludwigshafen, DEZKXX0004S Koblenz/Neuwied) u l-valur ta' limitu għal kull siegħa għan-$NO_2$ fi tnejn minn dawn iż-żoni (DEZCXX0007A l-agglomerazzjoni ta' Stuttgart, DEZFXX0001A Agglomerazzjoni I [Rhein-Main]);

— tikkonstata li, mill-11 ta' Ġunju 2010, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont it-tieni u it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 23(1) flimkien mat-Taqsima A tal-Anness XV tal-istess direttiva, u b'mod partikolari l-obbligu li jitnaqqas kemm jista' jkun il-perijodu ta' nuqqas ta' konformità fis-26 żona kkonċernati;

— tikkundanna lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għall-ispejjeż tal-kawża.

### Motivi u argumenti prinċipali

Mill-2010, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja sistematikament u kontinwament eċċediet il-valur ta' limitu għal kull sena u kull siegħa għan-$NO_2$ skont l-Anness XI f'26 jew 2 minn dawn iż-żoni. Dan jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 13(1) flimkien mal-Anness XI tad-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità ta' l-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa.

Bi ksur tat-tieni u tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 23(1) flimkien mal-Anness XV tad-Direttiva, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja naqset, mill-11 ta' Ġunju 2010, milli tinkludi fil-pjanijiet tal-kwalità tal-arja għas-26 żona kkonċernati miżuri li jkunu kapaċi jnaqqsu kemm jista' jkun il-perijodu ta' nuqqas ta' konformità. In-nuqqas ta' adegwatezza tal-miżuri jirriżulta, *inter alia*, mit-tul, mill-evoluzzjoni u mill-portata tal-eċċess tal-valur ta' limitu kif ukoll mir-reviżjoni tal-pjanijiet tal-kwalità tal-arja mfassla għaż-żoni kkonċernati.

(1) ĠU 2008, L 152, p. 1.

---

**Rikors ippreżentat fis-17 ta' Ottubru 2018 – L-Ungerija vs Il-Parlament Ewropew**

**(Kawża C-650/18)**

(2018/C 436/46)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* L-Ungerija (rappreżentanti: M.Z. Fehér, G. Tornyai u Zs. Wagner, aġenti)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2018 dwar proposta li titlob lill-Kunsill jikkonstata, skont l-Artikolu 7(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-eżistenza ta' riskju ċar ta' ksur serju mill-Ungerija tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni,

— tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Il-Gvern Ungeriż jinvoka erba' motivi insostenn tar-rikors tiegħu.

1. Il-Gvern Ungeriż iqis li, fil-vot tar-riżoluzzjoni kkontestata, il-Parlament Ewropew kiser serjament id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 354 TFUE u r-Regoli ta' Proċedura tiegħu. Mill-voti mitfugħa mill-Membri tal-Parlament Ewropew fil-votazzjoni, ingħaddu biss il-voti favur u kontra, u ġew esklużi l-astensjonijiet, li jmur kontra d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 354 TFUE u tal-Artikolu 178(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew. Kieku ngħaddu l-astensjonijiet, ir-riżultat tal-votazzjoni kien ikun differenti (**l-ewwel motiv**).

2. Fit-tieni lok, il-President tal-Parlament Ewropew ma talabx l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali tal-Parlament Ewropew (AFCO) fir-rigward tal-interpretazzjoni tar-Regoli ta' Proċedura, anki jekk, qabel il-votazzjoni, tqajmu dubji fondati dwar il-mod kif għandhom jingħaddu l-voti. Konsegwentement, kiser il-prinċipju ta' ċertezza legali, peress li kemm qabel u wara l-votazzjoni, kienet teżisti jew kien fadal inċertezza dwar l-interpretazzjoni tar-Regoli ta' Proċedura (**it-tieni motiv**).

3. Fit-tielet lok, il-Gvern Ungeriż isostni li, fil-votazzjoni tar-riżoluzzjoni kkontestata, inkisru d-drittijiet demokratiċi tal-Membri tal-Parlament Ewropew u l-prinċipji fundamentali ta' ugwaljanza fit-trattament tal-Membri tal-Parlament Ewwropew u ta' demokrazija diretta. Il-Membri ma setgħux jeżerċitaw id-drittijiet neċessarji tagħhom sabiex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom ta' rappreżentanza tal-poplu skont il-prinċipju tad-demokrazija, li jinkludi wkoll il-possibbiltà ta' astensjoni (**it-tielet motiv**).

4. Fir-raba' lok, il-Gvern Ungeriż iqis li r-riżoluzzjoni kkontestata tikser il-prinċipju fundamentali ta' kooperazzjoni leali bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri stabbiliti fl-Artikolu 4(3) TUE u l-prinċipji ġuridiċi tal-Unjoni bħall-prinċipju ta' kooperazzjoni leali bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, il-prinċipju ta' aspettattivi leġittimi u l-prinċipju ta' ċertezza legali, minħabba li l-imsemmija riżoluzzjoni fiha dikjarazzjonijiet li jirreferu għal proċeduri ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu li diġà ġew konklużi jew li għadhom pendenti (**ir-raba' motiv**).